MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 645/2012

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Bacardi and Company Limited, ta' Aeulestrasse 5, Vaduz, FL-9490, Liechtenstein**

**vs**

**Patrick Cellars Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta konvenuta fejn talbet li tigi ammessa tipprezenta appell minn digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Gunju 2012 ai termini tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12;

Ir-ragunijiet moghtija mis-socjeta konvenuta biex tithalla tappella mid-digriet fuq imsemmi huma:

1. Illi ma kienx hemm raguni legali ghaliex giet milqugha t-talba tas-socjeta rikorrenti biex is-socjeta intimata tforni informazzjoni skond l-artikolu 7 tal-Kap. 448;
2. Illi l-ligi fl-artikolu 7(3)(d) ighid li hadd ma ghandu jigi kostrett jipprovdi informazzjoni ai termini tal-artikolu 7 jekk dan ifisser li dak li jkun ser ikun kostrett jammetti l-involviment tieghu fi ksur ta' dritt ta' proprjeta intellettwali taht xi ligi partikolari;

Is-socjeta attrici topponi ghal din it-talba billi issostni li hi talbet il-produzzjoni tad-dokumenti taht l-artikolu 637 tal-Kap. 12 fejn mhux premess li jsir appell qabel decizjoni finali u b'analogija l-artikoli 5 u 7 tal-Kap. 488 ghandhom isegwu l-istess triq. Izidu illi l-permess specjali ghall-appell ghandu jinghata biss ghal raguni eccezzjonali, u s-socjeta konvenuta ma tat ebda raguni li tiggustifika li t-talba tigi milqugha;

Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-digriet taghha tat-18 ta' Gunju 2012, din il-Qorti fissret ir-ragunament wara l-artikolu 7 tal-Kap. 488 u l-importanza li l-Qorti tikkunsidra sew u tibbilancja b'reqqa d-drittijiet tal-partijiet minhabba n-natura u l-portata tal-poteri moghtija f'dan l-artikolu fost ohrajn. Il-Qorti tirreferi ghall-istess digriet a skans ta' ripetizzjoni.

Is-socjeta konvenuta qed titlob li tappella minn dan id-digriet a bazi tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12. Din il-Qorti, qabel tikkoncedi dan id-dritt meqjus bhala 'special leave' u ghalhekk mhux awtomatiku, trid tara hux 'expedient' and 'fair'. Hi s-socjeta konvenuta li trid tesponi ragunijiet validi bizzejjed li jgeghlu lil din il-Qorti tiehu pass lura u tistenna l-ezitu ta' appell mid-decizjoni gia mehuda qabel tkompli tisma' l-kawza.

F'dan il-kaz is-socjeta konvenuta ma giebitx ragunijiet sodi u validi bizzejjed biex jiggustifika li tinghata l-fakolta li tappella <u>issa</u> mid-digriet taghha tat-18 ta' Gunju 2012. Is-

socjeta konvenuta tghid illi din il-Qorti ma kellhiex raguni legali ghalfejn takkorda li tingieb informazzjoni a bazi tal-artikolu 7 tal-Kap. 488, pero ma zzid xejn aktar milli gie sottomess originarjament. Billi l-Qorti tqis li hi kkonsidrat mhux superficjalment il-kwistjoni wara noti u trattazzjoni estensivi ta' sottomissjonijiet ma hemmx lok li jinghata dritt ta' appell f'dan l-istadju, salv id-dritt tas-socjeta konvenuta li tappella fuq id-digriet mis-sentenza finali.

Fis-sottomissjonijiet orali taghha s-socjeta konenuta tishaq illi l-provvediment tal-artikolu 7 huma applikabbli meta jkun hemm sentenza preliminari dwar ksur tad-drittijiet intellettwali. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni u zgur ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur. Fil-kaz **Anton Piller KG vs Manufacturing Processes Ltd** in konnessjoni ma' talba simili **L J Ormerod** qal li l-prerekwiziti essenzjali sabiex tinhareg ordni ta' din ix-xorta huma:
First, there must be an extremely strong prima facie case. Second, the damage, potential or actual, must be very serious for the applicant. Third, there must be clear evidence that the defendants have in their possession incriminating documents or things, and that there is a real possibility that they may destry such material before any application inter partes can be made (see also **Thermax Ltd. v. Schott Industrial Glass Ltd.** (1981) FSR 289; **Columbia Picture Industries v. Robinson** (1987) CH 38, (1986) 3 All ER 338 (kwotazzjoni mehuda minn Pg 589 ta' Holyoak & Torremans, 'Intellectual Property Law', 5th Edition).

Is-socjeta konvenuta wkoll tirreferi ghall-artikolu 7(3)(d) pero fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta fl-ebda hin ma talbet li tigi ezentata milli taghti l-informazzjoni mitluba minhabba dak kontemplat fl-imsemmi artikolu u anqas ma giet indikata l-ligi li a bazi taghha qed titlob l-ezenzjoni milli taghti l-informazzjoni mitluba.

Ghalhekk il-Qorti tqis li ma hemm ebda raguni li tiggustifika li s-socjeta konvenuta tigi ammessa taghmel appell mid-digriet tat-18 ta' Gunju 2012 u ghalhekk qed tichad it-talba tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------